7 ta' Ġunju, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* George Abela

**Trasport — Ġarr ta' Oġġetti Tqal — Art. 33 (h) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija.**

*Il-liġi tipprojbixxi lil kull persuna li ġġorr fuq vetturi ħadid jew ħwejjeġ oħra ta' piż kbir, mingħajr ma juża mezzi biżżejjed sodi sabiex dak il-ġarr isir bla perikolu.*

*Min ikun saq il-vettura ma jistax jeħles mir-responsabilità kriminali, fil-każ ta' ħsara, billi jallega li t-tagħbija ta' l-oġġetti fuq il-vettura kienet saret minn ħadd ieħor, u mhux minnu.*

Fuq l-imputazzjoni illi saq truck b'ġiri aktar milli jmissu, fuq in-naħa ħażina tat-triq, għabba tagħbija fuq l-istess truck bla ma uża mezzi sodi biżżejjed biex tista' tinġarr bla perikolu, u kkaġuna l-waqa' ta' Felice Coleiro mit-truck u ġieblu ferita ta' natura gravi minħabba d-dewmien, l-imsemmi George Abela, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-4 ta' April 1952, ġie misjub ħati u kundannat għal multa ta' £15;

Trattat l-appell ta' l-imputat minn din id-deċiżjoni, din il-Qorti kkunsidrat;

Skond il-verbal fol. 13, id-Difiża u l-Prosekuzzjoni, kwantu għall-fatti, irrimettew ruħhom għall-espożizzjoni tagħhom fis-sentenza appellata;

Minn dawn il-fatti jirriżulta eżuberantement illi l-imputat kien qed isuq it-truck b'veloċità tali li allarma lil dawk li kienu rekbin miegħu, li hu kien fuq in-naħa ħażina tat-triq, u li t-tagħbija ta' wire u ħadid, flimkien ma' dawk li kienu fuq it-truck, fosthom il-ferut Coleiro, ġew mitfugħa barra mit-truck minħabba li l-imputat, biex jikkuruna t-trasKuraġni u nonkuranza tiegħu, sa anki dar kantuniera bruskament bla ma naqqas bl-ebda mod li speed. Irriżulta li Coleiro sofra offiżi gravi;

Dr. Flores, difensur ta' l-imputat, ibbaża ruħu, aktar milli fuq kontestazzjoni tal-fatti, fuq il-pont illi, ġaladarba t-tagħbija kienet ġiet magħmula minn dawk li kienu fuq it-truck, dawn, u mhux l-imputat, kienu responsabili għall-mod kif din it-tagħbija kienet assikurata b'mod li tinġarr bla perikolu, u kwindi kienu responsabili għal dak li ġara;

Din il-kontestazzjoni ma hijiex aċċettabili. L-art. 33 (h) tal-Kap. 13 jipprojbixxi lil kull persuna li ġġorr fuq vetturi ħadid jew ħwejjeġ oħra ta' piż kbir mingħajr ma juża mezzi biżżejjed sodi sabiex jinġarru bla perikolu. F'dan il-każ, il-persuna li kienet qiegħda ġġorr, u kwindi l-persuna kolpita bid-dispożizzjoni ċitata, kienet appuntu l-imputat;

Il-fatt li t-tagħbija saret mill-oħrajn ma jiswiex bħala skriminanti; għaliex l-imputat baqa' ugwalment responsabili skond id-dispożizzjoni ċitata. U jekk l-oħrajn għabbew b'mod li kien hemm, kif fil-fatt kien hemm, il-perikolu, kien dmir tiegħu li jagħmel dak li timponilu l-liġi, ċjoè li juża l-mezzi biex jiġi ovvjat il-perikolu. Jekk ħadd ieħor, li għamel ix-xogħol, ma użax dawk il-mezzi, u ħalla l-perikolu, dana ma jista' qatt ifisser li l-imputat ġie b'hekk eżentat milli josserva hu l-liġi;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-multa tista' titħallas fi żmien sitt ijiem mil-lum.